# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Novembru, 2021**

**Numru 2**

**Rikors Numru 371/18 TA**

**Feras Kert (ID: 82409L)**

**vs**

**Farouk Wakiel (ID: 0201710L) u Hourina Wakiel (ID: 0233012L) għal kull interess li jista' jkollha u b'digriet tat-13 ta' Frar 2019 l-Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud ġew nominati kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Farouk Wakiel.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Feras Kurt (l-Attur) tat-23 ta' April 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> "Illi l-esponent huwa kreditur tal-intimati ghas-somma ta' wiehed u tletin elf hames mija wiehed u hamsin ewro (€31551) import ta' self brevi manu mill-esponent lill-intimati ghas-skop ta' negozju u li f'dan ir-rigward l-intimat Farouk Wakiel ffirma kambiala ddatat 27 ta' Dicembru 2017 u li skadiet fil-31 ta' Jannar 2018, hawn anness u mmarkat bhala DOK FK1.
>
> Illi l-intimati ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex jhallas lura dan l-ammont ta' flus lura baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi l-esponent jitlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-esponent l-ammont ta' wiehed u tletin elf hames mija wiehed u hamsin ewro (€31551).

Bl-imghax mid-data tas-skadenza tal-kambjala hawn annessa inkluzi dawk tal-Mandati ta' Qbid, ta' Sekwestru u Deskrizzjoni pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma issa ingunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Hourina Wakiel (il-konvenuta) tal-11 ta' Ġunju 2018 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1. Illi stante li l-attur hu mizzewweg, se mai l-kawza kellha ssir minn mart l-attur ukoll, la s-somma li allegatament giet mislufa, tappartjeni lil mart l-attur ukoll.

2. Illi l-attur ghandu jindika d-data ta' meta allegatament sar dak is-self li qed isemmi, sabiex jekk dan jezisti, jigi stabbilit jekk hux parafernali, ghax f'dak il-kaz il-mara tal-intimat m'ghandhiex tkun citata.

3. Illi assolutament mhux minnu li r-rikorrent sellef xi flus lill-intimata u dan hu jafu sew.

4. Illi hija ma kinitx involuta bl-ebda mod, fl-allegat self, indikat mir-rikorrent.

5. Illi fil-fatt ir-rikorrent meta indika isimha fl-okkju kiteb 'ghal kull interess li jista' jkollha' u dan ghax hu jaf li hi ma kinitx fl-ebda hin involuta fl-allegat self.

6. Illi hi ma kinitx involuta fil-kambjala, li kopja taghha giet annessa mar-Rikors Guramentata, illi fil-fatt mhemmx firma taghha fuq il-kambjala u d-dettalji taghha tnizzlu ad insaputa taghha.

7. Illi zewgha bhalissa jinsab imsiefer u ghandu jwiegeb hu ghat-talba tar-rikorrent malli jasal lura.

8. Illi hi u zewgha ghandhom cittadinanza Maltija, huma nies bil-ghaqal u qatt ma kellhom problemi ma' hadd.

9. Illi t-talba fil-konfront taghha ghandha tigi michuda.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi.

Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati fl-interess ta' Farouk Wakiel (il-konvenut) tat-28 ta' Marzu 2019 li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

> "1) Illi l-esponenti mhux edotti mill-fatti u qed jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta ulterjuri wara li jigu edotti mill-fatti;
>
> Salv eccezzjonijiet u risposta ulterjuri."

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Rat li l-Kawża tħalliet għallum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

**1.** Din hija kawża li qed tkun esperita mill-attur l-azzjoni ta' mutuum, anke jekk fost id-dokumenti esebiti jingħad li nġibdet il-kambjala maħruġa fis-27 ta' Frar 2017 fl-ammont ta' wieħed u tletin elf ħames mija u wieħed u ħamsin ewro (€ 31,551) (a' fol 3). Din il-kambjala hija maħruġa a' favur tal-Attur u ċioe' it-traeant jew emmittent.

**2.** Kif dejjem ġie ritenut minn dawn il-Qrati, anke fuq skorta ta' tagħlim ieħor kemm ta' awturi u ġurisprudenzjali, l-awtonomija tal-kambjali hija l-qofol ta' dan tal-istitut. Hekk kif kambjala tiġi immessa, tinħoloq obligazzjoni 'ad hoc', għal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni oħra antecedenti.

**3.** Dan l-element tal-kambjala iġib miegħu l-konsegwenza li bħala eċċezzjonijiet għal din l-azzjoni huma ġeneralment limitati għall-kambjala nnifisha u bħala regola m' għandhomx jiġu permessi eċċezzjonijiet li jikkonċernaw obligazzjonijiet preċedenti.

**4.** Fil-każ ta' kambjala huma permessibbli biss eċċezzjonijiet li jattakkaw il-validita' formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wiċċ tagħha jew f'xi waħda mill-elementi kostitwiti essenzjali tagħha kif trid il-liġi (ara **Sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet Pool -vs- Mercieca deċiża fid-29 ta' Mejju 2003**).

**5.** Dawn il-Qrati ikomplu jgħallmu hekk:

"*Kambjala toħloq l-obbligazzjoni ta' natura partikolari għaliex hija waħda indipendenti mill-causa obbligationis. Tant hija awtonoma u indipendenti l-azzjoni kambjarja mill-obbligazzjoni li originat min-negozju li ta lok għall-ħruġ tagħha, li l-liġi stess, tirrestrinġi l-eċċezzjonijiet li setgħu jingħataw f'azzjoni għall-pagament tagħha. L-Artikolu 198 tal-Kodiċi ta' Kummerċ jipprovdi illi setgħu biss jingħataw f'azzjoni kambjarja:- (1) L-eċċezzjonijiet li huma personali għall-possessur tal-kambjala li ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha jekk ma jkunx dwar krediti likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja. (2) Li jekk dawn leċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha u sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala bil-garanzija jew mingħajrha, skont kif jidhrilha l-*

*Qorti, m'ghandhiex tkun imdewma*" (Ara **Sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet Busietta -vs- Attard, deċiza fid-9 ta' Frar 2001**).

**6.** Il-Qorti eżaminat sewwa l-kambjala inkwistjoni. Il-konvenuta tinsisti li dik il-firma ma hiex tar-raġel tagħha. Il-konvenut l-ieħor qatt ma deher f'din il-Kawża. Sabiex issostni li dik ma hiex il-firma tar-raġel tagħha esebit skrittura. Il-Qorti fehmet bl-iskop li jsir eżami komparattiv tal-firem. L-elementi ta' kambjala valida huma imsemmija f'artikolu 123 tal-Kodiċi Kummerċjali:

*"Il-kambjala għandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tiġi miġbuda, is-somma li għandha titħallas, l-isem ta' dak li għandu jħallas, u l-isem ta' dak li lilu jew għall-ordni tiegħu għandu jsir il-ħlas, iż-żmien u l-lok tal-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, f'kont, jew f'kull mod ieħor, u għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha. Min jiġbed il-kambjala u dak li fuqu tinġibed jistgħu jkunu l-istess persuna."*

**7.** Pero' dwar l-element tal-awtonomija tal-kambjala intqal kemm il-darba li dan igħodd biss favur terz pussessur. (Ara **Sentenza fl-ismijiet Tabone -vs- Camilleri deċiża fis-27 ta' Frar, 1939 Kolleż. Vol. XXX. III. 429**). B'dana li jekk kambjala tkun ġirata ċertament il-ġiratarju ikollu dritt li jaġixxi kontra l-konvenut skond il-kambjala u dan kemm-il darba huwa jkun in buona fede. Dan huwa konformi anke ma' dak li għidu l-awturi.

Il-**Vivante** jgħid: "*Quando il debitore si trova di fronte al suo immediate prenditore egli puo difendersi con tutte le eccezione che derivano dal*

*rapporto corso fra loro. Se vi fu una donazione, potra` revocarla per tutte le cause di revocazione date dal Codice; se vi fu contratto, potra` impugnare la validita` o l' esecusione con tutte le eccezioni che sono date dalla sua disciplina*"( **Diritto di Commercio, Vol. III para. 966**). Hekk ukoll it-**Torrente** jgħid: "*Se il pagamento mi viene chiesto non dal terzo (che si presenta un caso per tutto diverso) ma dall' altro soggetto del rapporto sottostante, allora io posso bene oppore le eccezione nascenti da questo (ultimo) rapporto: la legge non ha spinta a tal punto l'astrattezza fino a costringermi a pagare e poi a promuovere l'azione d'indebito contro il creditore. La astrettezza funzione cioe`, soltanti nei confronti del terzi*" (**Manuele di Diritto Privato", 8va Edizione; p. 611**).

**8.** Għalhekk, fil-każ li għandha quddiemha, ġaladarba l-kambjala inkwistjoni baqgħet fil-pussess ta' min ħariġha u ma ġietx ġirata, tista' isservi bħala prova tal-obbligazzjoni prinċipali. Skont l-Attur is-somma li qed tkun riklamata ingħatat lill-konvenut b'self brevi manu, għalhekk l-obbligazzjoni hija naxxenti mill-Istitut tal-mutuum. Huwa minnu li l-firma tal-konvenuta ma hiex fuq il-kambjala u tikkontesta ukoll il-firma tal-konvenut żewġha. Biex tikkontesta l-firma ta' żewġha, saħansitra presentat l-iskrittura fuq imsemmija.

**9.** Qabel kollox din il-Qorti ma hiex espert fil-kaligrafija. Forsi kien ikun aħjar għall-konvenuta li talbet il-ħatra ta' espert kaligrafu. Iżda dan ma għamlitux. Di piu', dak li hemm fuq il-kambjala ma jidhrux li hija firma sħiħa iżda inizjali, li għal din il-Qorti xorta jammontaw għal firma. Il-konfliġġenza

tal-provi u anke verżjonijiet differenti tal-partijiet li għandha quddiemha din il-Qorti, ma jfissirx li għandu għalhekk titwemmen bilfors il-konvenuta.

**10.** F'ġudizzju ċivili l-Qorti trid tiddeċiedi fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet (Ara **Sentenza fl-ismijiet Zammit -vs- Petroccochino, Appell Kummerċjali tal-25 ta' Frar 1952**). Il-Qorti trid tara jekk verżjoni waħda teskludix lill-oħra fuq bilanċ ta' probabiltajiet; "*b'hekk jiġi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo'*"(Ara **Sentenza fl-simijet Enrico Camilleri -vs- Martin Borg, Appell Inferjuri tas-17 ta' Marzu 2003**).

**11.** Wara li din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti hija tal-konvinċiment morali li s-self li jsemmi l-Attur tassew sar. Dan id-dejn trid twieġeb ukoll għalih il-konvenuta. Mill-iskrittura minnha esebita jirrisulta li għalkemm il-firma tagħha ma tidhirx fuq il-kambjala, ma kienitx daqstant estraneja għall-attivitajiet kummerċjali ta' żewġha. Iżda aktar minn hekk, fin-nuqqas ta' prova li bejn il-konvenuti kien hemm in operazzjoni r-reġim tas-Separazzjoni tal-Beni, huwa presunt mil-liġi li dan huwa dejn li jikkolpixxi l-kommunjoni tal-akkwisti. Dan jemerġi minn dak li jiddisponi l-artikolu 1327(f) tal-Kodiċi Ċivili u ċioe' *kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir*-rieda għandu jkun a' karigu tal-kommunjoni tal-akkwisti.

**12.** Fl-aħħar nett il-konvenuta ssostni li l-mara tal-Attur kellha tkun parti fil-Kawża. Fl-ewwel lok jingħad, li ma tressqet ebda prova mill-konvenuta li l-Attur hu fil-fatt miżżewweġ. Il-Qorti tfakkar li minn jagħmel allegazzjoni bħal din irid jipprovaha (**Sentenza tal-Prim Awla tal-10 ta' Jannar, 2012 fl-ismijiet George Mifsud -vs- Anthony Baldacchino li jiġġestixxi d-ditta 'ABS Auto Dealers'**).

**13.** Jirriżulta li l-Attur jeżerċita l-kummerċ. Il-Qorti tfakkar li artikolu 1324 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "*Atti normali ta' estjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux magħmula in relazzjoni ma' dik is-sengħa, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.* Apparti dan kollu din ix-xorta ta' eċċezzjoni, jekk qatt, tista' titqajjem mhux mill-konvenuta iżda minn mart l-Attur, dejjem jekk dan għandu mara.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti.

**Tilqa' it-talba tal-Attriċi** u tikkundanna lill-konvenuti iħallsu lill-Attur is-somma ta' wieħed u tletin elf ħames mija wieħed u ħamsin ewro (€31,551),

bl-imgħaxijiet legali mill-presentata tar-rikors ġuramentat sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes tal-Kawża għall-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**